**NOMINA TA' DR NOEL CUSCHIERI GĦALL-ĦATRA TA' *CHAIRPERSON* TAL-AWTORITÀ TA' MALTA GĦAL EDUKAZZJONI AVVANZATA U OGĦLA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'inhu r-rwol tal-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla?**

L-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla [l-Awtorità] imwaqqfa bl-Att Nru II tas-sena 2020, l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla [li, salv għall-artikolu 17] ġie fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021 permezz tal-Avviż Legali Nru 32 tas-sena kurrenti, hija essenzjalment korp regolatorju li jirregola l-qasam tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla. Wieħed isaqsi, għaliex hemm bżonn li jkun hemm regolatur f'dan il-qasam? Ir-risposta hi li matul is-snin dan il-qasam kiber u żviluppa b'mod mgħaġġel ħafna, partikolarment bl-introduzzjoni tal-qasam diġitali u l-*online learning*. Għaldaqstant huwa importanti li jkun hemm direzzjoni u kontrolli fit-tkabbar u fl-iżvilupp ta' dan il-qasam; għax struttura li tespandi u tikber b'mod kontrollat f'qafas regolatorju li jassigura li l-iżvilupp ikun ta' kwalità tajba, tkun mibnija fuq pedamenti sodi. Dan hu hekk ukoll fil-qasam tal-edukazzjoni, inkluż dak tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla.

L-imsemmi Att waqqaf l-Awtorità li fuq livell ġenerali jingħad li għandha r-responsabilità ta' dak li għandu x'jaqsam ma' liċenzjar, akkreditament, għarfien u assigurazzjoni ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla ta' kwalità tajba b'referenza għal *benchmarks* nazzjonali u internazzjonali f'dan il-qasam.

Ir-rwol tal-Awtorità huwa delineat mill-artikolu 3 tal-imsemmi Att, li fil-parti relevanti tiegħu jaqra hekk:

> "(a) tivverifika l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-provdituri tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla,
>
> (b) tinforma lill-pubbliku dwar il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp sostenibbli tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla f'Malta biex jintlaħqu l-bżonnijiet tas-soċjetà, u
>
> (ċ) tagħti pariri lill-Gvern dwar kull materja li għandha x'taqsam mal-edukazzjoni avvanzata u ogħla.".

Fuq livell aktar speċifiku, l-għanijiet u l-funzjonijiet tal-Kummissjoni huma varji u ampji kif jirriżulta mill-artikolu 65 tal-imsemmi Att, li jaqra testwalment hekk:

> "(a) tifformula prinċipji gwida għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla, li tkun l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u tipproponi viżjoni, objettivi u miri strateġiċi ċari u sostenibbli għall-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(b) tirriċerka, tanalizza, tirrevedi u, permezz tal-Ministru, tagħti pariri lill-Gvern dwar l-iżvilupp, l-ippjanar u t-tmexxija tal-politika tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(ċ) taġixxi bħala l-awtorità kompetenti għal-liċenzjar, akkreditament, assikurazzjoni ta' kwalità u rikonoxximent ta' provdituri u programmi skont dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu;

(d) iġġib 'il quddiem u tiffaċilita l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u t-trasferiment u l-progress fit-tagħlim tul il-ħajja;

(e) tippromwovi u tinkoraġġixxi l-provvista tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u r-rikonoxximent tagħha f'Malta u f'pajjiżi barranin;

(f) taqdi funzjonijiet taċ-Ċentru Malti għal rikonoxximent ta' kwalifiki u informazzjoni taħt l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki;

(g) tippromwovi u żżomm il-Qafas Malti tal-Kwalifiki u l-politika u l-kriterji li fuqhom għandu jissejjes dan il-Qafas;

(h) tapprova u tiżgura li tippubblika livelli nazzjonali ta' għarfien, ħiliet, kompetenzi u attitudnijiet għal kull settur ta' impjieg;

(i) tivvalida tagħlim li jkun sar b'mod informali u mhux formali u tikklassifika din il-validazzjoni f'livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

(j) tirrakkomanda *policies* ta' finanzjar, u ta' sistemi alternattivi ta' finanzjar tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla, filwaqt li tindirizza l-kwistjoni tal-adegwatezza ta' dan il-finanzjament u ta' kontabilità fil-provvista tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(k) tipproponi *policies* li jkollhom x'jaqsmu mal-istudenti dwar għażliet sostenibbli, aċċess ekwu u mobilità fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla, appoġġ finanzjarju, servizzi ta' informazzjoni u gwida dwar passaġġi ta' żvilupp għal studenti;

(l) tirrakkomanda *policies* li jkollhom x'jaqsmu mar-riċerka, l-innovazzjoni, l-proprjetà intellettwali, u t-trasferiment tal-għerf;

(m) tfassal *policies* li jkollhom x'jaqsmu mad-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla u mal-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-provvediment tagħhom;

(n) tagħti pariri, u meta jkun il-każ, tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhrilha meħtieġa, lill-Gvern u lill-provdituri, dwar kull materja jew kwistjoni oħra li jkollha x'taqsam mal-edukazzjoni avvanzata u ogħla; u

(o) twettaq dawk il-funzjonijiet oħra kif il-Ministru jista' jirrakkomanda minn żmien għal żmien b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.".

Bażikament is-substratt ta' dawn l-għanijiet huma:

- li tifrex l-edukazzjoni avvanzata u ogħla u ta' kwalità tajba kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna; li tivvalida t-tagħlim informali u non formali;

- it-tkattir u r-rikonoxximent ta' tali edukazzjoni, inkluża dik vokazzjonali, fil-livelli kollha tas-soċjetà Maltija; u,

- li tqarreb ir-rikonoxximenti u l-kwalifiki delineati fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki lejn dawk kontenuti fil-European Qualifications Framework biex hekk jinkiseb għarfien fl-Ewropa tar-rikonoxximenti u kwalifiki lokali.

L-edukazzjoni għandha l-effett li tkabbar id-dimensjoni tal-esperjenza umana, kemm fuq livell personali billi l-bniedem jitgħallem japprezza iżjed dak li hemm madwaru u jgħix aħjar u kemm fuq livell soċjali billi jikkontribwixxi għat-tkabbir tas-soċjetà li jgħix fiha, kemm mil-lat uman kif ukoll mil-lat ekonomiku. L-aspett ekonomiku, inkwantu jikkonċerna t-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna għandu post rilevanti fir-rwol li għandha l-Awtorità li tifrex l-edukazzjoni avvanzata u ogħla kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali. Dan hu hekk għas-segwenti raġunijiet prinċipali: li l-eżiġenzi tas-suq ekonomiku min-naħa ta' min iħaddem jiġu indirizzati billi jsibu ħaddiema mħarrġa sewwa jew esperti, lokali u barranin, fil-qasam li n-negozju tagħhom ikun jeħtieġ minn żmien għal żmien biex jimmodernizza t-tħaddim tan-negozju bil-għan li l-produzzjoni titjieb fil-kwalità u fit-tkabbir tagħha, filwaqt li min-naħa tal-ħaddiema dawn isibu xogħol relevanti għall-istudji u taħriġ li jkunu għamlu bir-riżultat ta' tkabbir fil-livell ta' għejxien tagħhom u tal-familja tagħhom. L-edukazzjoni hija fattur importanti biex jitnaqqas l-*unemployment* fis-socjetà.

Barra minn hekk hemm il-firxa ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla li testendi wkoll għal barranin. Din tikkontribwixxi b'mod relevanti għall-ekonomija tal-pajjiż billi l-barranin jiġu Malta kemm biex jitgħallmu, kif ukoll biex jaħdmu u jirrisjedu għal ċertu żmien hawn u b'hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku fis-soċjetà tagħna. Il-programmi ta' edukazzjoni *online* huma relevanti ħafna f'dan ir-rigward, għax permezz ta' dawn il-programmi, persuna barranija li tkun tixtieq taħdem f'Malta, tista' tagħmel l-istudji tagħha minn barra pajjiżha.

Huwa relevanti wkoll il-fatt li wħud mil-liċenzjati li jipprovdu tali edukazzjoni stabbilixxew ruħhom sewwa f'pajjiżna u, filwaqt li qed jipprovdu tagħlim ta' kwalità għolja ħafna, investew spejjeż kbar fil-proġetti tagħhom biex jiġu konformi mal-*istandards* stabbiliti mil-liġi kif rikjest mill-Kummissjoni u l-aġenziji Ewropej kompetenti. Dan ikompli jattira aktar studenti lejn l-istituzzjonijiet tagħhom u allura lejn pajjiżna.

**2. Kemm tara li hija importanti l-inklussività fl-edukazzjoni?**

L-edukazzjoni inklużiva hija mod mill-aktar effettiv biex l-indiviwi jingħataw ċans ġust li jiżviluppaw il-ħiliet li għandhom bżonn biex javvanzaw u jirnexxu. Sistemi inklużivi li jivvalutaw il-kontribuzzjonijiet uniċi tal-istudenti li ġejjin minn toroq differenti fil-ħajja, jippermettu lill-gruppi diversi biex jikbru flimkien għall-benefiċċju ta' kulħadd. Għaldaqstant, l-inklussività fl-

edukazzjoni hija tant importanti għaliex hija l-bidu ta' proċess trasformattiv kemm tal-individwu, kif ukoll tas-soċjetà.

Nemmen bis-sħiħ li dawk li jfasslu l-politika dwar il-governanza tas-sistemi edukattivi fl-iskejjel għandhom jaħdmu flimkien lejn għanijiet komuni u jagħmlu bidla pożittiva abbażi ta' evidenza, riflessjoni u prattika, biex jiżguraw li r-riforma tal-politika twassal għal bidla u jkollha impatt pożittiv għall-futur.

L-inklużjoni bħala valur fil-kultura tal-kwalità fl-edukazzjoni tagħti ħarsa olistika tat-tagħlim u l-benesseri tal-individwu. Għandna niżguraw aċċess, parteċipazzjoni u inklużjoni ġusta biex noħolqu opportunitajiet indaqs għal kulħadd. B'mod partikolari għandna noħolqu sistemi inklussivi għal persuni b'diżabilità, nippromwovu d-diversità tas-sessi, edukazzjoni għall-ġenituri, nilħqu nies minn sitwazzjoni ekonomika diffiċli, persuni miż-żoni ta' residenza kollha u persuni bi sfond ta' migrazzjoni.

Il-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali u l-għarfien tal-kwalifiki huma fatturi importanti li jilkontribwixxu lejn l-inklużjoni fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla. L-Awtorità għandha tkompli tissorvelja r-rappreżentanza fl-edukazzjoni, timplimenta miżuri bikrija biex tiżgura bilanċ, tippromwovi d-diversità fil-professjonijiet filwaqt li tiżgura aċċess bla xkiel għal servizzi edukattivi għal ċittadini Ewropej u ta' pajjiżi terzi.

**3. Kemm tara li għandha rwol importanti l-edukazzjoni sabiex inżommu lit-tfal u żgħażagħ 'il bogħod minn ċerti vizzji bħad-droga?**

Iż-żgħażagħ ġeneralment jaqgħu f'xi vizzju, partikolarment dak tad-droga, minnħabba l-esperimentazzjoni u b'mod iżjed qawwi l-*peer pressure*, jiġifieri li jimitaw lill-ħbieb tagħhom. Sfortunatament, dawn iż-żgħażagħ, eventwalment, iħabbtu dufrejhom mal-liġi, bil-kommissjoni tar-reat ta' pussess tad-droga, kif ukoll reati relatati mal-akkwist tad-droga, bħal serq u eventwalment traffikar fuq skala żgħira biex isostnu l-vizzju tagħhom. Dan l-aħħar motiv mhuwiex aċċettat mill-qrati tagħna bħala ġustifikazzjoni għar-reati bħal dawn, għax għal min ikun inqabad fix-xibka tad-droga, is-soċjetà tagħna tipprovdi l-mezzi u l-opportunitajiet sabiex il-vittma ssib appoġġ minn diversi entitajiet li jorganizzaw programmi ta' rijabilitazzjoni mill-vizzji, inkluż dak tad-droga, bħal, pereżempju, *Sedqa*.

L-iskop ewlieni tal-edukazzjoni huwa li teduka individwi fis-soċjetà u tqajjem għarfien kemm dwar il-mod ta' kif persuna tista' taqa' għal vizzju kif ukoll dwar l-effetti negattivi li vizzju neċessarjament ikollu fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-persuna.

L-edukazzjoni tipprepara lit-tfal u liż-żgħażagħ għad-dinja tax-xogħol kif ukoll biex tgħinhom jintegraw u tgħallimhom il-valuri tajbin. It-tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti jippermetti lill-individwu jieħu responsabbiltà akbar għat-tagħlim waqt li jappoġġja l-progress biex kull student jikseb il-ħiliet li għandu bżonn biex jirnexxi u jikkontribwixxi għas-soċjetà.

Għalkemm l-influwenza soċjo-kulturali hija fattur wieħed biss mill-kawżi li jistgħu jwasslu għall-vizzji bħad-droga, tajjeb li nagħrfu r-responsabbiltà ta' dan il-fattur fil-qasam edukattiv. L-edukazzjoni għandha tinkoraġġixxi t-tagħlim li jiffoka fuq l-iżvilupp personali, il-ħiliet u l-kompetenzi.

Ħiliet intrapersonali f'oqsma bħall-komunikazzjoni, kollaborazzjoni u ħidma f'tim huma ħiliet b'saħħithom li jippermettu lin-nies jaħdmu flimkien b'mod effettiv u jaħsbu b'modi li jwasslu għall-innovazzjoni u l-kreattività. Huma investiment fis-soċjetà biex din timxi 'l quddiem.

L-Awtorità għandha tippromwovi l-akkwist ta' ħiliet li tmur lil hinn minn ħiliet speċifiċi għax-xogħol u tenfasizza ħiliet trasferibbli li jistgħu jintużaw għat-twettiq u l-iżvilupp personali. Edukazzjoni li tiffoka fuq awto-kontroll, kuxjenza emozzjonali, komunikazzjoni, soluzzjoni ta' problemi soċjali, u appoġġ akkademiku, tgħin biex issaħħaħ il-karattru tal-individwu u b'hekk tippreparah għall-ħajja.

Bla dubju, ir-rwol tal-edukazzjoni f'dan l-aspett huwa importanti. Mhux biss bħala prevenzjoni għall-istudent, iżda wkoll għall-professjonisti f'dan il-qasam biex jaħdmu mal-individwi.

**4. Xi sfidi tara fil-qasam tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla għas-snin li ġejjin? Kif tara li nistgħu indawruhom f'opportunitajiet għal pajjiżna?**

L-iżvilupp kontinwu u mgħaġġel fix-xjenza u fit-teknologija f'soċjetà progressiva bħalma hi dik Maltija neċessarjament iġib miegħu eżiġenzi ġodda, fosthom dawk soċjali u ekonomiċi li jippreżentaw sfidi kontinwi f'diversi setturi u oqsma tas-soċjetà, fosthom dak tal-edukazzjoni li għandha l-għan prinċipali li tkabbar id-dimensjoni umana u ttejjeb b'mod sostanzjali l-livell ta' għejxien tal-membri tagħha.

L-isfidi li dan il-progress iġib miegħu fil-kamp edukattiv qed jiġu u ser ikomplu jiġu indirizzati mill-Awtorità li l-għan prinċipali tagħha huwa li tkompli tiżviluppa u tkattar l-edukazzjoni avvanzata u ogħla fil-pajjiż bl-iskop li jinħolqu programmi u strutturi fi ħdan is-sistema edukattiva bit-tir li jintlaħaq livell ta' eċċellenza. Dan tagħmlu *tramite* riċerka, liċenzjar effettiv, rikonoxximent, assikurazzjoni ta' livell għoli ta' kwalità u rikonoxximent ta' kwalifiki fil-parametri tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki li huwa l-istrument nazzjonali għall-iżvilupp u klassifika ta' rikonoxximenti u kwalifiki bażati fuq kriterji hemm stabbiliti, u l-Awtorità għandha l-għan li tqarreb kemm jista' jkun dan il-qafas lejn il-kriterji u l-parametri stabbiliti mill-European Quality Framework.

Illi, għalkemm wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Awtorità huwa dak li tinfirex kemm jista' jkun l-edukazzjoni avvanzata u ogħla f'pajjiżna, jibqa' sovran il-prinċipju tal-assikurazzjoni tal-kwalità ta' din l-edukazzjoni; fattur li ġie wkoll rikonoxxut fl-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla [Att II tal-2020] fejn fl-artikolu 17 il-liġi tipprospetta t-twaqqif ta' kumitat appożitu denominat Kumitat dwar l-Assikurazzjoni tal-Kwalità li, fit-termini tal-liġi stess, huwa kumitat "awtonomu" u "indipendenti" stabbilit biex jaqdi l-funzjoni tiegħu delineata fl-istess artikolu.

Illi l-isfidi immedjati li qed tiffaċċja l-Awtorità llum huma dawn:

(a) in-numru dejjem jikber ta' applikazzjonijiet minn provdituri ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla għall-akkreditament ta' programmi; fil-fatt fis-sena 2020 daħlu 218 applikazzjonijiet ġodda li ġew trattati mill-allura Kummissjoni [NCFHE] flimkien mat-73 applikazzjoni pendenti mis-sena ta' qabel. Din iż-żieda kontinwa f'dawn l-applikazzjonijiet qed iżżid b'mod drastiku l-piż tax-xogħol tal-persuni involuti fl-assikurazzjoni tal-kwalità, u qed issir aktar diffiċli, li jkun hemm monitoraġġ kontinwu biex jiġi assikurat li l-provdituri liċenzjati jżommu mal-istandard ta' kwalità ladarba dawn il-provdituri u l-programmi tagħhom ikunu ġew akkreditati.  Dan il-monitoraġġ kontinwu huwa sfida kbira li għandha l-Awtorità biex iżżomm livell għoli ta' kwalità tal-programmi edukattivi provduti.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-istudenti li japplikaw b'suċċess għal dawn il-korsijiet, anke permess tat-tagħlim *online*, jinvestu mhux biss flus iżda, u aktar importanti, il-ħin u ż-żmien tagħhom, b'mod li jekk il-kwalifika jew rikonoxximent ma jkunux tal-kwalità promessa mill-provditur, isibuha diffiċli li, meta jiksbu l-kwalifika jew rikonoxximent li jkunu studjaw għaliha, isibu xogħol relatat mal-kwalifika jew rikonxximent li kienu kisbu, u aktar ma jkun twil il-kors, bħal pereżempju, *level 6*, aktar iż-żmien mitluf ikun ta' dannu għall-istudent gradwat. Għalhekk, il-monitoraġġ kontinwu tal-kwalità tal-edukazzjoni provduta hija ta' importanza massima fil-funzjoni tal-Awtorità.  L-importanza li l-Att fuq imsemmi jagħti lill-istudenti li jsegwu programmi f'dan il-qasam hija riflessa wkoll fil-fatt li l-Artikolu 18 jistipula, *inter alia*, li fil-Kumitat Konsultattiv imwaqqaf bl-istess artikolu, għandu jkun hemm rappreżentanti tal-istudenti.

(b) Maż-żmien, il-Kummissjoni, u llum l-Awtorità, qed ikollha tikkunsidra aktar applikazzjonijiet minn entitajiet barranin biex jiġu rikonoxxuti u akkreditati korsijiet f'Malta u, għalkemm dan huwa fatt pożittiv ħafna għax għandu bħala konsegwenza tiegħu t-tkattir tal-investiment barrani f'pajjiżna li jkompli jsaħħaħ l-ekonomija, dan neċessarjament iġib miegħu l-obbligu ta' aktar viġilanza stretta diretta biex jiġi assikurat li dak rikjest mil-liġi qed jiġi osservat. Dan japplika wkoll għan-numru dejjem jikber ta' korsijiet *online* li qed jiġu offruti f'pajjiżna.

(c) Abbinat mal-bżonn li jsiru l-bidliet neċessarji sabiex tiġi assikurata l-kwalità tajba tal-edukazzjoni f'dan il-qasam,  hemm l-isfida li għandha l-Awtorità li ssir il-ħidma neċessarja biex pajjiżna jkun membru sħiħ tal-European Association Quality Assurance in Higher Education li tagħha bħalissa Malta tikklassfika bħala *affiliate,* u li tirrappreżenta *"quality assurance and accreditation organisations from the European Higher Education Area and internationally"*. Għandu jkun ċar li s-sħubija sħiħa ma' din l-entità barranija ġġib magħha aktar rikonoxximent fuq livell internazzjonali tal-istandards lokali fil-każ ta' edukazzjoni avvanzata u sħiħa u sservi sabiex tattira aktar barranin sabiex jinvestu f'pajjiżna f'dan il-qasam.

(d) Sfida oħra li l-Awtorità ser taħdem fuqha hija dik li jkun hemm aktar sinkronizzazzjoni bejn il-programmi akkreditati li jwasslu għal kwalifiki professjonali u dak li hu rikjest mill-bordijiet lokali li jagħtu l-*warrants* sabiex tiġi eżerċitata l-professjoni konċernata.

Fl-aħħarnett għandu jingħad li l-Awtorità, bħall-predeċessur tagħha l-Kummissjoni, għandha tkun proattiva fil-ħidma tagħha, u għandha tħares lejn l-isfidi bħala opportunità sabiex tibqa' ttejjeb l-operat tagħha, primarjament għall-ġid tal-istudenti li jidħlu għal korsijiet provduti b'investiment ta' ħin u flus, u sekondarjament għall-ġid tas-socjetà inġenerali.

**5. Kif se tkun qiegħed tuża l-esperjenza tiegħek sabiex tassigura governanza tajba f'din l-Awtorità?**

Il-funzjoni tiegħi bħala ġudikant, li ili neżerċita għal 35 sena, bażikament tinvolvi li nisma' b'serenità [u xi minn daqqiet b'ħafna paċenzja] lil kull min hu parti fil-kawża u lix-xhieda prodotti, neżamina d-dokumenti esebiti, nindirizza l-punti relevanti kollha mqajma mill-partijiet u niddeċiedi l-vertenza skont il-liġi. Dan isir bi trasparenza billi d-deċizjoni tkun motivata sewwa. Tul dawn is-snin jien ħdimt fil-kariga ta' ġudikant b'kompetenza, b'sens ta' dover qawwi, bl-oġġettività rikjesta u b'integrità. Fil-kariga ta' Chairman tal-Awtorità ser inkun qed nuża' din l-esperjenza tiegħi sabiex nassigura, *inter alia*, is-segwenti:

(a) li l-Awtorità tindirizza l-bżonnijiet ta' dawk kollha involuti;

(b) li jkun hemm effiċjenza f'dak li tagħmel l-Awtorità, u li x-xogħol tagħha jħalli l-effett desiderat fuq l-i*stakeholders* kollha, anki bl-għajnuna ta' esperti fil-qasam partikolari;

(c) li f'dak li jsir ikun hemm trasparenza sabiex tiġi assikurata l-oġġettività fid-deċiżjonijiet li jittieħdu, b'mod li dawn jittieħdu, u jkun jidher li qed jittieħdu, fl-aħjar interess kemm tal-Awtorità kif ukoll fl-interess tal-persuni involuti;

(d) li nara li tiġi applikata l-liġi f'dan il-qasam;

(e) li l-Awtorità tibqa' miftuħa għall-bidliet li jkun hemm bżonn li jsiru matul iż-żmien;

(f) li nassikura, bl-għajnuna ta' esperti, li l-persuni li jitqabbdu jagħmlu xogħol mill-Awtorità u persuni impjegati mal-Awtorità jkunu kwalifikati tajjeb għax-xogħol li jkunu inkarigati jagħmlu.

B'hekk inkun qed nikkontribwixxi għal aktar kjarezza, fiduċja, responsabbiltà u trasparenza.